MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 1369/2003

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**Vs**

**1. Kashmiri Palace Limited**
**2. Ian u Jacqueline konjugi Busutill**

**Il-Qorti.**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi b'kuntratt tad-9 ta' Novembru, 1992 in atti Nutar Clyde La Rosa (Dok A), il-bank attur ikkonceda facilita' ta' overdraft lis-socjeta' konvenuta Kashmiri Palace Limited sal-ammont ta' ghaxart elef lira (Lm10,000) bil-kondizzjonijiet u l-imghaxijiet hemm pattwiti.

U premess illi fid-19 ta' Novembru, 1998, il-konvenuti konjugi Scicluna dahlu flimkien u in solidum garanti mas-socjeta' konvenuta Kashmiri Palace Limited a favur tal-bank attur ghad-debiti tal-istess socjeta' sal-ammont ta' hmistax il-elf Lira (Lm15,000) oltre l-imghaxijiet pattwiti. (Dok B)

U premess illi l-ammont dovut mis-socjeta' konvenuta fil-25 ta' Lulju, 2003, jammonta ghal sittax ' l-elf, disa' mija u ghaxar Liri Maltin u erbatax il-centezmu (Lm16,910.14) dovuti kwantu ghal hmistax il-elf hames mija disa' u disghin lira maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm15,599.21) kapital u kwantu ghal elf tlett mija u ghaxar liri u tlieta u disghin centezmu (Lm1,310.93) imghax, kif indikat fl-anness prospett Dok.C.

U premess illi l-konvenuti nterpellati jhallsu dan id-debitu, baqghu inadempjenti.

U premess illi dana d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-Bank attur il-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talba tal-Bank attur ghall-hlas tal-istess debitu.

Is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tordna d-dispensa tas-smiegh a tenur tal-Art. 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Kashmiri Palace Limited thallas lill-bank attur is-somma ta' sittax ' l-elf, disa' mija u ghaxar Liri Maltin u erbatax il-centezmu (Lm16,910.14), flimkien mal-imghax ulterjuri mis-26 ta' Lulju, 2003, sad-data tal-effettiv pagament u lill-konvenuti konjugi Busuttil flimkien u in solidum ihallsu minn dan l-ammont s-somma ta' hmistax ' l-elf lira maltin (Lm15,000) flimkien mal-imghax dovut mill-10 ta' Frar,2002;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri ufficjali tas-6 ta' Awissu, 2002, kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici.

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------